**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 75/2018**

**Illum: 28 ta' Novembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley, Spettur Mark Mercieca)**

**vs**

**Ruth Borda**
**(ID 190783(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata Ruth Borda ta' 35 sena, imwielda Ħaż-Żabbar nhar it-18 ta' Marzu 1983, bint Carmel u Doris nee` Harmer, residenti 37, Dawret ix-Xatt, Xgħajra u detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 190783(M);

Akkużata talli nhar is-6 ta' April 2018 u anke matul ix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-

liċenzja jew xort'ohra awtorizżata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

2. Kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'ohra awtorizżata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputata bħala reċidiva u dan wara li ngħatat diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2018, l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietilha żmien biżżejjed biex terġa' tikkonsidra t-tweġiba tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, il-Qorti ma tistax ħlief issibha ħatja ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputata, kif aġġornata sa April 2018, mil-liema jirriżulta illi l-imputata nstabet ħatja ta' serq sempliċi u aggravat f'iżjed minn okkażżjoni waħda u pussess sempliċi ta' droga eroina, dwar liema reati l-imputata ingħatat liberazzjoni kundizzjonata f'żewġ okkażżjonijiet, tqegħdet taħt Ordni ta' *Probation* ukoll f'żewġ okkażżjonijiet u ġiet ikkundannata għal piena ta' priġunerija ta' sentejn, flimkien ma' Ordni ta' Trattament.

Qieset ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet odjerni u ċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll mill-banda l-oħra, id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni illi l-imputata kkoperat mal-pulizija matul l-investigazzjoni tagħhha u li għandha tibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li għenet lill-pulizija fil-konfront ta' terzi persuni. Il-Qorti sejra għalhekk tnaqqas il-piena ta' priġunerija bi grad u l-piena pekunjarja b'nofs. Qieset ukoll illi jidher li l-imputata għandha vizzju akut tad-droga.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda wkoll tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

**Konklużjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), 49 u 50 tal-Kap. 9, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u qegħda tikkundannaha għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva – mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li l-ħatja nżammet taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ - u multa ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar minn meta l-ħatja tiskonta l-piena ta' priġunerija erogata permezz ta' din is-sentenza u għal dan il-għan ir-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas

pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Stante illi l-esperti maħtura mill-Qorti ma laħqux espletaw l-inkarigu lilhom mogħti, qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*mobile phone* esebit bħala Dok. JR 7, favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tas-sustanza u l-oġġetti relatati mad-droga esebiti bħala Dok. MM45, MM46, MM47, MM48, MM49, MM50, MM51, MM52, il-miżien formanti parti minn MM53, MM56 u MM57, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi żmien ġimgħa mil-lum, l-Uffiċjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa neċessarju illi s-sustanza u/jew xi waħda jew iżjed mill-oġġetti esebiti jiġu preżervati għal skop ta' xi proċeduri oħrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-każ, ir-Reġistratur għandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun ġiet hekk distrutta.

In oltre il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Ħabs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-ħatja tingħata l-kura u l-għajnuna kollha neċessarja li għandha bżonn sabiex tegħleb il-vizzju tad-droga. Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Ħabs.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat